VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,508, 19 ta' Settembru, 2025*
*Taqsima C*

# Nru 148

19. 09. 2025

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Andy Ellul, M.P., Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, f'isem il-Prim Ministru, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-16 ta' Settembru 2025.

**ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.**

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Andy Ellul, M.P., Parliamentary Secretary for Social Dialogue, on behalf of the Prime Minister, and read the First time at the Sitting of the 16th September 2025.

**AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.**

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex ikompli jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 452.

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2025.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali minnufih wara t-tifsira "assoċjazzjoni ta' prinċipali" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

Kap. 217.

""ċittadin ta' pajjiż terz" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni;".

Emenda tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali.

**3.** Fil-proviso għas-subartikolu (1) tal-artikolu 11 tal-Att prinċipali l-kliem "impjegat interessat." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "impjegat interessat:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud l-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll kwalunkwe pagi miksuba minn jew pagabbli lil ċittadin ta' pajjiż terz għandhom jitħallsu esklussivament permezz ta' trasferiment bankarju f'kont

miżmum f'isem l-impjegat jew permezz ta' trasferiment elettroniku ffaċilitat minn istituzzjoni finanzjarja akkreditata u liċenzjata. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li l-impjieg tagħhom jibda fid-data msemmija hawn fuq jew sussegwentement.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jintroduċu trasferimenti bankarji jew trasferimenti elettroniċi mandatorji ffaċilitati minn istituzzjonijiet finanzjarji akkreditati u liċenzjati, għall-ħlas ta' pagi lil ċittadini ta' pajjiż terz.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to further amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap 452.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

**1.** (1) The short title of this Act is the Employment and Industrial Relations (Amendment No. 2) Act, 2025 and this Act shall be read and construed as one with the Employment and Industrial Relations Act, hereinafter referred to as the "principal Act". Short title and commencement. Cap. 452.

(2) The provisions of this Act shall come into force on 1st October 2025.

**2.** In article 2 of the principal Act immediately after the definition "temporary work agency" there shall be added the following new definition: Amendment of article 2 of the principal Act.

""third-country national" shall have the same meaning as assigned to it in article 2 of the Immigration Act;". Cap. 217.

**3.** In the proviso to sub-article (1) of article 11 of the principal Act the words "employee concerned." shall be substituted by the words "employee concerned:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso: Amendment of article 11 of the principal Act.

" Provided further that any wages earned by or payable to a third-country national shall be paid exclusively by means of a bank transfer to an account held in the name of the employee or through an electronic transfer facilitated by an accredited and

licensed financial institution. This requirement shall apply to all third-country nationals whose employment commences on or subsequent to the aforementioned date.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to introduce mandatory bank-transfers or electronic transfers facilitated by accredited and licensed financial institutions, for the payment of wages to third country nationals.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta** — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC** — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**